- *perizja medika*

- *valur probatorju ta' perizji*

- *meta l-Qorti tkun ġustifikata ma timxix fuqha*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 206/2013GM**

**Roger Calleja ID 202872M**

**vs**

**Francis Desira**

**Illum, 10 t'Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2013 mir-rikorrenti li permezz tiegħu abbażi tal-premessi illi:-

1. Fis-27 ta' Diċembru 2011 l-attur kien qed isuq il-vettura tiegħu f'E.

Bradford Street, San Pawl tat-Tarġa meta safa nvolut f'inċident tat-traffiku mal-vettura IGV 015 misjuqa mill-konvenut.

2. L-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti.
3. B'konsegwenza ta' dan l-attur sofra danni materjali kif ukoll danni personali li wasslu għal debilita' permanenti u dan kif ser jiġu ppruvat fil-kors tal-kawza.
4. Il-konvenut bl-ebda mod ma għamel tajjeb għad-danni mġarrba mill-attur.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara li l-inċident imsemmi seħħ bi ħtija tal-konvenut
2. tillikwida d-danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi
3. tikkundanna lill-konvenut għall-ammont hekk likwidat;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut ippreżentata fit-18 t'April 2013 li permezz tagħha eċċepixxa illi:-

1. Jaċċetta responsabbilita` għall-inċident mertu ta' din il-kawża. L-istess esponent irreġistra *claim* mal-assikurazzjoni tiegħu Elmo Insurance u ddelega lill-istess assikurazzjoni sabiex titratta hi mat-terz dwar l-inċident.
2. Jikkontesta l-entita` tad-danni pretizi mir-rikorrent, in partikolari fejn l-attur qed jallega ġarrab debilita' permanenti. Għaldaqstant, tispetta lill-attur il-prova skond il-liġi li qed isofri minn debilita` permanenti u li tali debilita' kienet konsegwenza diretta tal-istess inċident;
3. Illi fi kwalunkwe każ, il-konvenut m'għandux ibati spejjez ġudizzjarji;

Rat il-verbali tagħha (diversament preseduta) tat-30 t'April 2013 u tal-4 ta' Novembru 2013 fejn ħatret lil Mr Charles Grixti, Dr Josanne Aquilina, lil Dr Anton Grech u lil Mr Joseph Briffa rispettivament bħala esperti f'oqsma differenti tal-mediċina[1] biex jirrelataw dwar l-allegata diżabilita;

Rat ir-rapport ta' Mr Joseph Briffa tal-24.02.2014[2] li jikkonstata 2% diżabilita` minħabba merk fuq in-naħa tal-lemin tal-ġbin tal-attur, meqjusa permanenti billi ma setgħetx titjieb bil-kirurġija plastika; 0.5% minħabba nuqqas ta' sensazzjoni fuq in-naħa tal-lemin tal-ġbin u l-qorriegħa tar-ras, u 0.5% minħabba uġiegħ fil-kersħa; total ta' 3%.

Rat ir-rapport konġuntiv tal-esperti mediċi l-oħrajn datat 06.12.2013 li ma jsib l-ebda abnormalita` mil-lat fiżiku iżda li mil-lat psikoloġiku sab diżabilita`ta' 10% minħabba li l-attur ibati minn stat ta' anzjeta` li jiżdied f'ċirkustanzi li jfakkruh fl-inċident jew jiġi fi stat li ma jistax jagħmel li jrid fiżikament;

Rat id-dokumenti esibiti u l-atti l-oħrajn kollha tal-kawża;

Rat li l-attur ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet u li minkejja dan il-konvenut ippreżenta, xorta waħda nota ta' sottomissjonijiet. Din ġiet ippreżentata fis-7 t'Ottubru 2019 – tlett ijiem biss qabel din is-sentenza - minkejja li t-terminu għaliha għalaq fit-30 t'Awwissu 2019;

**Ikkunsidrat:**

Illi nhar is-27 ta' Diċembru 2011 seħħ inċident ġewwa Triq E.Bradford, San Pawl tat-Tarġa bejn l-attur u l-konvenut. Illi l-konvenut aċċetta r-responsabilita` tant

[1] Fol 12.
[2] Fol 29

illi qabbad lis-soċjeta` tal-assikurazzjoni tiegħu Elmo Insurance Limited sabiex tasal għal ftehim barra l-Qorti mal-attur iżda dan irriżulta fin-negattiv għaliex il-konvenut mhux qed jaqbel mad-danni pretiżi mill-attur sofferti konsegwenza tal-inċident in kwistjoni;

Illi l-attur ilmenta quddiem l-esperti mediċi illi kawża tal-aċċident kellu rabja kbira u affettwalu ħajjtu kollha. Spjega illi għandu uġigħ f'għonqu u n-naħa t'isfel ta' dahru u minħabba f'hekk kellu jwaqqaf l-*sports tas-surfing* u għal xi xhur ma ħadimx. L-attur jaħdem bħala *airplane technician* mal-Air Malta. Ibgħati biex iġorr il-kaxxa tal-għodda. Jilmenta minn uġigħ ta' ras darbtejn fil-ġimgħa. L-ewwel ikollu tnemnim, imbagħad ġieli jkollu xokkijiet u tuġgħu rasu. Ikollu d-dardir. Qabel l-inċident ma kienx ikollu uġigħ ta' ras. Qed ibati minn nuqqas ta' memorja iżda fix-xogħol ma taffettwaħx għax jiċċekkja l-affarijiet kemm-il darba. Għandu uġigħ f'dahru u f'saqajh u ġieli jorqdulu. L-irkoppa xellugija tuġgħu u ġieli jkollu tnemnim fil-ponot ta' subajh ta' jdejh u ġieli f'irkopptu. Ikollu problema fil-mixi u ma jistax jimxi aktar minn kwarta għax iħoss saqajh tqal ħafna;

Illi skond il-fajl mediku ppreżentat mill-intimat, meta l-attur iddaħħal l-isptar Mater Dei wara l-inċident kellu feriti fuq ġbinu u f'rasu li ġew meħjuta taħt anestesija lokali. Kien qed jilmenta minn uġigħ ta' ras kbir fejn kellu l-ferita u uġigħ ħafif (mild) f'għonqu. Ġie mniżżel fil-fajl tal-isptar illi ma kellux uġigħ f'dahru u *no cervical spine tend*"[3] Kellu ukoll uġigħ f'għonqu. Għamlulu *CT scan* tal-moħħ, *abdomen u pelvis*, sinsla tad-dahar u tal-għadam ta' wiċċu u tat-*thorax* u ma rriżula l-ebda bidla post traumatika. Inżamm lejl l-isptar taħt osservazzjoni u l-għada ġie rilaxxat. Minn dak iż-żmien huwa baqa' taħt kura tal-ispeċjalisti ortopediċi minħabba problemi f'għonqu u dahru. Il-punti ta' moħħu u rasu

[3] Fol 137.

tneħħew bejn ġimgħa u għaxart ijiem wara l-aċċident;

Illi din il-Qorti (diversament ippreseduta) l-ewwel ħatret lil Mr Charles Grixti, Dr Josanne Aquilina u Dr Anton Grech[4] imbagħad ħatret lil Mr Briffa[5]. L-ewwel tlett esperti rrediġew rapport konġunt filwaqt li ir-raba' espert għamel rapport separat;

Illi Dr Josanne Aquilina invistat lill-attur mil-lat ta' newroloġija u kkonstatat illi l-attur għandu ċikattriċi fuq in-naħa tal-lemin tar-ras. L-eżami tan-nervituri kranjali kienu normali ħlief għan-nuqqas ta' sensazzjoni fuq il-ġilda tar-ras taħt iċ-ċikatriċi. L-eżami tad-dirgħajn u riġlejn wera li ma kien hemm l-ebda egħbusija u s-saħħa kienet normali fil-muskoli kollha. Is-sensazzjoni kienet soġġittivament ftit nieqsa fuq id-dirgħajn tax-xellug;

Illi Mr Charles Grixti eżamina lil attur mil-lat ta' ortopedija u kkonstata illi l-attur jimxi normali mingħajr sapport, żamm għonqu dritt u wera l-movimenti kollha bi sħiħ u mingħajr uġigħ. Meta ingħafset is-sinsla lumbo sakrali ma kien hemm l-ebda uġigħ. Il-konklużjoni tal-esperti kienet illi mil-lat fiżiku ma kien hemm l-ebda abnormalita`;

Illi dwar l-eżami tal-istat mentali, Dr Grech irraporta illi kemm-il darba infaqa' jibki. Il-burdata kienet ta' dwejjaq b'reazzjoni għal ħsibijiet negattivi. Għandu diffikulta` biex jorqod minħabba l-uġigħ f'għonqu u ansjeta` meta jiġi f'sitwazzjonijiet fejn ma jkunx jista' jagħmel xi ħaġa jew xi ħaġa tfakkru fl-inċident;

Illi mill-aspett newroloġiku kif ukoll mill-aspett ortopediku ma nstab li kellu ebda

[4] Fol 12
[5] fol 15

debilita` permanenti. Mil-lat psikoloġiku l-attur nstab li qiegħed ibati minn stat ta' ansjeta` li jiżdied f'ċirkustanzi li jfakkruh fl-inċident jew jiġi fi stat li ma jistax jagħmel li jrid fiżikament. Il-perizja konġunta tikkonstata rata ta' diżabilita' hija ta' 10% kollha attribwita għal-lat psikoloġiku;

***Evaluwazzjoni tar-rapporti tal-esperti***

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-istorja medika tal-attur, il-periti mediċi li rrediġew ir-rapport konġunt irrappurtaw fir-relazzjoni tagħhom li huwa qatt ma kellu mard mediku. Kellu operazzjoni f'subgħajh (l-index finger) ta' idu l-leminija meta kellu seba' snin;

Illi l-esperti mediċi, għalkemm raw il-fajl mediku tal-isptar, għamlu biss riferenza, fir-rapport tagħhom, għall-operazzjoni fis-saba tal-attur meta kellu seba' snin, iżda m'għamlu l-ebda referenza għal dawn l-okkorrenzi mediċi, ilkoll qabel-inċident, li wkoll jirriżultaw mill-istess rekords tal-isptar:

(i) 02/12/1992 - Meta r-rikorrent kellu għoxrin (20) sena, dahal l- *outpatient* jilmenta b'ugigħ f'dahru;

(ii) 17/09/2008-Ir-rikorrentkellu *crush injury* f'idu l-leminija li wasslet għal "*continued pain*";

(iii) 17/02/2010 - Ir-rikorrent daħal l-isptar għal ***arthroscopy*** **tal-irkoppa** xellugija u skont ir-rekords mediċi ta' Mater Dei, ir-rikorrent kien jilmenta illi kien ibati minn uġigħ ta' ras, *seizures* u *palpitations*.

Illi jirriżulta li l-attur ma semmiex dawn l-okkorrenzi lill-esperti;

Illi mhux biss, imma stqarrilhom li  qabel l-inċident ma kienx ikollu uġigħ ta' ras

mentri għall-kuntrarju, ir-rekords tal-isptar tas-17.02.2010[6] juru bil-kontra. L-esperti m'għamlu l-ebda kumment dwar din id-diskrepanza u anzi qagħdu biss, f'dan ir-rigward fuq dak li rrakkontalhom l-attur;

Illi l-espert Dr Anton Grech, meta ġie eskuss, mistoqsi jekk l-istat t'ansjeta` tal-attur kienx ġej verament minn dan l-inċident jew minn sitwazzjonijiet preċedenti għall-istess, stqarr li *"l-istat ta' ansjeta`" li spjega relatata mal-inċident... għandha x'taqsam jiġifieri **kif spjegahieli related to the inċident**, **issa kienx hemm xi ansjeta` oħra ma dawn m'iniex f'pożizzjoni li ngħid***[7] L-espert stqarr ukoll li huwa ġibed il-konklużjonijiet tiegħu biss minn dak li qallu l-attur u mhux minn testijiet oġġettivi, li ma jistgħux isiru fil-każ ta' anzjeta`;

***Valur probatorju tal-perizji***

Ikkunsidrat:

Illi l-kodiċi ritwali nnifsu jgħid ċar u tond li **"Il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha" (Art. 681);**

Illi għalhekk il-konsiderazzjonijiet, l-opinjonijiet esperti, u l-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti **jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt** u għandhom jiġu meqjusa bħala tali mill-Qorti.[8] L-ezercizzju mill-espert jinvolvi għazliet ibbażati fuq id-diskrezzjonalita` teknika tat-testijiet kondotti minnu u kull gudizzju tiegħu, in kwantu mezz ta' prova, hu riżervat lill-gudikant fl-għarbiel tal-kumpless tal-provi.[9]

[6] fol 112
[7] fol. 362
[8] Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deċiż minn din il-Qorti diversament ippreseduta fit-12 t'April 2016
[9] Zammit Mark v Strand Electronics Ltd – 22.05.2009 QA(PS)

Illi hu prinċipju ben magħruf illi kull gudikant  għandu l-poter diskrezzjonali wiesa li jqis dawk l-elementi ta' prova, proċesswalment akkwiziti, li huwa jidhirlu hekk sufficjenti għal gudizzju tiegħu. F'dan l-eżerċizzju valutativ huwa jista' jqiegħed abbazi tad-deċiżjoni tiegħu l-oggett tal-prova kostitwit mill-perizja jekk hu jidhirlu li din tissodisfah għax konvinċenti u kondivizibbbli[10];

Illi dan ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b'mod legger jew kapriccjuz[11]. Jinstab konkordament riċevut u accettat illi dan ma jfisserx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raġuni tista' tiskarta konkluzjoni ta' perit nominat minnha"[12] Kif issokta jiġi ppreċiżat, il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bbażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt ezami[13]. Huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert  nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova[14]. F'materji purament tekniċi, għalkemm il-Qorti mhiex marbuta illi tistrieh fuq il-kunsiderazzjonijiet u l-konsegwenti konklużjonijiet tal-perit tekniku, **meta l-Qorti tkun tal-fehma illi dawn il-konsiderazzjonijiet huma raġjonevoli u bbazati fuq dak li jkun irrizulta mill-provi kollha, inkluzi affidavits u deposizzjonijiet viva voce, hija kwazi invarjabbilment toqgħod fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku**. Dan il-hsieb huwa rifless fil-gurisprudenza tal-Qrati tagħna".[15] Ir-raġunament imfisser f'rapport peritali jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam,* il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku **jikkostitwixxu prova u**

[10] *ibidem*
[11] Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016
[12] Anthony Cauchi - vs- Carmel Mercieca, Appell 6 ta' Ottubru, 1999).
[13] Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine*, Appell, 29 ta' Mejju, 1998)". Ara Edwin Vella -vs- Joanna Briffa, Appell mit-Tribunal għal Talbiet Zgħar, 18 ta' Ottubru, 2006Tal-Francis Construction Limited v. Zarb Angelo  15.07.2009 QA(PS)
[14] John Saliba -vs-Joseph Farrugia, Appell, 28 ta' Jannar 2000; Joseph Calleja nomine -vs-John Mifsud, Appell, 19 ta' Novembru 2001; Anthony Montebello v Max Micallef – Prim'Awla – 09.12.2002 – Imħ. Philip Sciberras

[15] Qorti ta' l-Appell flismijiet Emanuel Attard vs George Tedesco et deciza fl1 ta' Gunju 2007:

**mhux semplici opinjoni jew suspett.** Tali fehmiet għandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova oħra ammissibbli fil-ligi, **u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jigux kontestati**, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra lkonvinzjoni tagħha nnifisha, madankollu **l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irraġonevoli.**[16] Gja drabi oħra l-Qrati tagħna kienu rravizaw illi l-Qorti ma tistax leggerment tiskarta l-opinjoni tat-tekniku meta lkonkluzjoni tiegħu ma tkunx, ex Artikolu 681, Kapitolu 12, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. Dan għaliex il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bazata fuq raġunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt ezami;[17] **trid tinġieb** raġuni rafforzanti bizzejjed biex jista' jingħad illi l-konkluzjoni peritali hi fir-rigward irraġjonevoli[18] jew dovuta għal zball sostanzjali u gravi tali li, jekk tithalla kif inhi, twassal għall-ingustizzja[19];

Illi b'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika[20];

[16] App. eiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buāeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**); iċċitata in re: Markiza Beatrice Cremona Barbaro et vs John Polidano et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' Frar 2005; Nutar Dottor Charles Vella Zarb v Anna Vella 08.02.2006 Prim'Awla per. Imħ Joseph R. Micallef

[17] Angelone Umberto v Vella Charles 28.03.2003 PA(PS)

[18] ("**Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**", Appell, 23 ta' Gunju 1967)

[19] ("**Carlo Vella -vs- George Xuereb**", Appell Kummercjali, 22 ta' Marzu 1973); Angelone Umberto v Vella Charles 28.03.2003 PA(PS)

[20] ( ara - "Cauchi vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "Saliba vs Farrugia" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; "Tabone vs Tabone et" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "Calleja noe vs Mifsud" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `Attard vs Tedesco et` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u "Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et" - Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008

***Evaluwazzjoni tal-perizji f'din il-kawża:***

Ikkunsidrat:

Illi in eskussjoni Dr Anton Grech spjega illi wasal għar-rata ta' diżabilita` wara illi iltaqa' mal-attur darbtejn u għamillu set ta' mistoqsijiet u osserva l-imġieba tiegħu. Din il-vista damet madwar siegħa kull darba. Mexa mal-osservanzi soliti bħal *appearance and behaviour* illi "tosserva dak li jkun kif jimxi, it-ton tal-vuci"[21], b'liema velocita rrisponda u billi tossrvah in generali. Imbgħad osserva dak illi qal l-attur jekk kienx jagħmel sens, il-grammatika tas-sentenzi kif inhuma u r-ritmu. Iċċekkja il-burdata, d-dwejjaq, reazzjoni għal-istress, fuq sintomi ta' ansjeta` li kienu parti prinċipali f'dan il-każ. Iċċekkja jekk kien hemm psikożi "illi dak li jkun ikun distakkat mir-realta' u fl-aħħar iċċekkja dak li jgħidulu *insite* jekk xi ħadd għandu kundizzjoni hux *aware* minn dik il-kundizzjoni jew le"[22] is-sejbiet li sab kienu prinċipalment dwar ansjeta mir-risposti illi tah l-attur. Jgħid illi s-sintomi li kellu l-attur "jiġu attivati minn affarijiet li jfakkruh fl-inċident li jsejħulha *Post Traumatic Stress Disorder* li hija stat ta' ansjeta' li meta tgħaddi minn xi ħaġa fil-ħajja jkollha mpatt psikoloġiku qawwi ħafna li tibqa' fil-memorja u ċirkostanzi li jfakkruk fiha jergħu jattivaw, jerġgħu jqajjmu li terġa tgħix din l-esperjenza u jkollok stat ta' ansjeta kbira"[23];

Illi tenut kont (i) li l-attur ħeba l-istorja medika tiegħu meta eżaminat mill-esperti, u ma qalx il-verita` dwar l-**uġigħ ta' ras, *seizures* u *palpitations* li kien iħoss qabel l-inċident** u (ii) li ma jidhirx li l-esperti mediċi ħadu in kunsiderazzjoni l-istorja medika preċedenti kollha hekk kif riżultanti mir-rekords tal-isptar, bid-dovut rispett, il-Qorti ma tistax tkun serenament konvinta mill-konklużjoni

[21] Fol 162
[22] Ibid.
[23] Fol 358

konġunta tal-istess periti. Ma ġiex ippruvat, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, in-ness ezjoloġiku bejn l-istat ta' ansjeta` tal-attur u l-inċident, in kwantu ma ġietx eskluża mill-attur il-possibilita` - xejn remota - li l-istat mentali tiegħu jista' jkun l-effett ta' kawża jew kawżi anteċedenti għall-inċident in kwistjoni. Jista' jkun ukoll li l-istat mentali tal-attur huwa prodott ta' konkorrenza bejn dawn il-fatturi u l-inċident *de quo*. Imma din il-Qorti mhix qiegħdha hawn biex tagħmel il-konġetturi. Għalhekk jingħad bħala assjoma ġenerali li l-piż tal-prova jistrieħ fuq spallejn min jallega fatt;

Illi wkoll kieku l-Qorti kellha tammetti dan in-ness, l-attur, *ex admissis* jistqarr li ma ħax *anti depressant* biex jikkumbatti d-dipressjoni skont kif irrakkomandalu t-tabib li mar hu stess jikkonsulta fi Spanja. Jirriżulta li huwa ma hax il-kura adegwata hekk kif *del resto* xehed l-imsemmi espert psikjatriku Dr. Anton Grech, li xehed in eskussjoni li l-kura setgħet possibilment tnaqqas id-dipressjoni u li n-nuqqas ta' kura tul iż-żmien irrenda l-kura ferm iktar diffiċli. Il-fatt illi r-rikorrent, minn jeddu, għażel li jittraskura din il- kundizzjoni u din aggravata ruħha m'għandiex tirrifletti negattivament fuq l-esponent għaliex, kif inhu ben magħruf, danneggjat għandu obbligu li jimmitiga u jimminimizza d-danni minnu reklamati;

***Damnum emergens***

Ikkunsidrat:

Illi l-attur, bħala prova tad-*damnum emergens*, ippreżenta affidavit[24] li permezz tiegħu ipproduċa għadd ta' fotokopji ta' riċevuti li m'humiex l-aħjar prova għax mhumiex oriġinali; u la huma awtentikati u lanqas ma huwa spjegat in-ness

[24] fol 175

bejnhom u bejn il-medikazzjoni li l-attur kellu jieħu kawża tal-inċident. Il-Qorti tagħmel tagħha l-oġġezzjonijiet li għamel għalihom il-konvenut f'para. 15 tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu:

| | |
|---|---|
| Dok. RG1 (a fol. 179) | Din hija riċevuta maħruġa fl-01.03.2013 minn Mr. Massimo Abela (konsulent ortopediku). Ir-rikorrent fl-ebda stadju ma stqarr illi huwa kien ikkonsulta ma' Mr. Massimo Abela in segwitu għall-inċident in diżamina. Għaldaqstant ma tressqet l-ebda prova li din il-vista kienet konsegwenza diretta tal-imsemmi inċident. |
| Dok. RG2 (a fol. 180) | L-istess jista' jingħad għal riċevuta għal ħlas ta' għoxrin ewro (€20) maħruġa wkoll fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) mit-tabib tal-familja Dr. Anthony Felice. Ma tressqet l-ebda prova tan-ness bejn l-ammont reklamat u l-inċident awtomobilistiku *de quo*. Bl-istess mod, ma ġie ppreżentat l-ebda certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Felice illi jispeċifika x'kienet ir-raġuni tal-konsulta tiegħu. |
| Dok. RG3 (a fol. 181) | Dwar l-irċevuta għal ħlas a favur Dr. N. (presumibilment Norbert) Vella nhar is-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013), ma jirriżultax fiex kienet tikkonsisti din il-vista u jekk hiex riżultat tal-inċident in diżamina. |
| Dok. RG4 Dok. | Dawn iż-żewġ dokumenti huma ircevuti għal konsulenza fl- |

| | |
|---|---|
| RG5<br><br>(a fol. 182/3) | Isptar Saint James izda ma jirriżultax min kien il-konsulent li rrenda dawn is-servizzi u x'kienet ir-raġuni tal-konsulta. |
| Dok. RG6 Dok. RG7(a fol. 184/5) | Dawn huma riċevuti maħruġa minn Mr. Massimo Abela. Għal darb'oħra, ir-rikorrent fl-ebda stadju ma stqarr illi huwa kien ikkonsulta ma' Mr. Massimo Abela in segwitu għall-inċident in diżamina. Għaldaqstant ma tressqet l-ebda prova li din il-vista kienet konsegwenza diretta tal-imsemmi inċident. |

| | |
|---|---|
| Dok. RG8 Dok. RG9(a fol. 186/7) | Dawn id-dokumenti jirreferu għal riċevuti maħruġa mill-Isptar Saint James għal konsulenza mingħajr ma ġie ppruvat min kien il-konsulent li offra s-servizzi tiegħu u x'kienet ir-raġuni għal tali konsulta. |
| Dok. RG10 (a fol. 188) | Din hija fattura fir-rigward ta' konsulenza ma' Mr. Massimo Abela. Għal darb'oħra, ir-rikorrent fl-ebda stadju ma stqarr illi huwa kien ikkonsulta ma' Mr. Massimo Abela in segwitu għall-inċident in diżamina. Għaldaqstant ma tressqet l-ebda prova li din il-vista kienet konsegwenza diretta tal-imsemmi inċident. |
| Dok. RG11 Dok. RG12(a fol. 189/90) | Dawn id-dokumenti jirreferu għal żewġ fatturi rigwardanti servizzi rezi minn Dr. Giuseppe Pellegrino. Kif diġa` ġie sottomess aktar 'il quddiem, l-istess Dr. Pellegrino iddkjara li "*non ricordo se quando lo ho operato lui ha avuto un trauma oppure era il dolore legato a... ai eccessivi sforzi legati al suo* |

| | |
|---|---|
| | *lavoro*". Għaldaqstant ma tressqet l-ebda prova li dawn il-visti kienu konsegwenza diretta tal-imsemmi inċident. |
| Dok. RG13 Dok. RG14 Dok. RG15 Dok. RG16(a fol. 191/94) | Dawn id-dokumenti jirreferu għal riċevuti/fatturi maħruġa mill-Isptar Saint James għal konsulenza mingħajr ma ġie ppruvat min kien il-konsulent li offra s-servizzi tiegħu u x'kienet ir-raġuni għal tali konsulta. |
| Dok. RG17 (a fol. 195) | Din il-fattura nħarġet mill-Isptar Saint James **f'isem Allcare Insurance Limited** u mhux lir-rikorrent. Għaldaqstant jirriżulta bl-aktar mod ċar illi tali spiża tħallset mis-soċjeta` assikurattiva u mhux mir-rikorrent. Di piu`, hekk kif ikkonferma x-xhud Albert Micallef fid-deposizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2019 (a fol. 376 sa' 382 tal-proċess), Dr. Brendon Caruana Montaldo huwa "*respiratory physician*". Di fatti, mid-dokument a fol. 385 tal-proċess, **jirriżulta li s-servizzi li r-rikorrent qiegħed jittenta jirreklama relataw ma' "*a three day history of lethargy and sore throat, high fever, chills, myalgia and unable to swallow food or water of his oral antibiotics*" u għalhekk bl-ebda mod m'huma relatati mal-inċident awtomobilistiku in diżamina**. Bl-istess mod, l-antibijotiċi li ġew amministrati, partikolarment *Clarithromycin* u *Azithromycin,* normalment jintużaw għat-trattament ta' infezzjonijiet batteriċi. |

| | |
|---|---|
| Dok. RG18 (a fol. 196) | Għal darb'oħra, din il-fattura nharget mill-Isptar Saint James **f'isem Middlesea Insurance plc** u mhux lir-rikorrent. Għaldaqstant jirriżulta bl-aktar mod car illi tali spiża tħallset mis-soċjeta` assikurattiva u mhux mir-rikorrent. Di piu`, hekk kif ikkonferma x-xhud Albert Micallef fid-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2019 (a fol. 376 sa' 382 tal-proċess), Dr. Mario Stellini huwa speċjalista f'*internal mediċine gastroenterology*. Di fatti, mid-dokument a fol. 384 tal-proċess, **jirriżulta li s-servizzi li r-rikorrent qiegħed jittenta jirreklama relataw ma' "*acute onset of fever with rigors and a very sore throat... he had pustular tonsillitis*" u għalhekk bl-ebda mod m'huma relatati mal-inċident awtomobilistiku in diżamina**.<br>______ _____ |
| Dok. RG19 (a fol. 197) | Din il-fattura hija maħruġa mill-Isptar Saint James għal "*RMO Visit*" mingħajr ma ġie ppruvat min kien il-konsulent li offra s-servizzi tiegħu u x'kienet ir-raġuni għal tali konsulta. |
| Dok. RG20 (a fol. 198) | Din hija riċevuta f'isem ir-rikorrent għal hlas ta' mija u ar ewro (€110) a favur Medical Laboratory Services fi hdan tar Saint James, maħruġa fit- tnejn (2) ta' Jannar tas-sena n u hmistax (2015). Ma nġiebet l-ebda prova dwar min kien nsulent li talab li jsir l-hekk msejjah "*lab test*" u x'kienet ir-ni li wasslet għal tali investigazzjoni. Għaldaqstant, ma ġiex ıvat li dan it-test kien b'xi mod relatat mal-inċident in |

| | |
|---|---|
| | mina.<br><br>_____________________________ |
| Dok. RG21 Dok. RG22 Dok. RG23 Dok. RG24 Dok. RG25 Dok. RG26 Dok. RG27 Dok. RG28 Dok. RG29 Dok. RG30 Dok. RG32 Dok. RG33 Dok. RG34(a fol. 199/210) | Il-bicca l-kbira ta' dawn id-dokumenti m'humiex cari, b'timbru ma jinqarax. Izda, mix-xebh, jidher illi huma riċevuti rilaxxjati minn "Chiropractic Care Centre". Mid-dokument rilaxxjat minn Mr. Tanweer Rayasat fl- 1 ta' Frar 2012 [Dok. RC5 a fol. 269 tal-proċess], **liema dokument mhuwiex ikkonfermat bil-gurament**, fejn **jiddikjara li "*the above patient consulted me on the 12/01 2011*" meta l-inċident awtomobilistiku *de quo* sehh fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011)**! L-istess jista' jingħad għal Dok. RC6 (a fol 270 tal-proċess), datat tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), fejn Mr. Rayasat jerga' jikkonferma illi r-rikorrent kien ikkonsulta miegħu fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011), prattikament sena qabel l- |

| | |
|---|---|
| | inċident in diżamina. **Għaldaqtant, m'hemmx dubbju li l-ispejjes reklamati għal dan it-trattament bl-ebda mod għandhom x'jaqsmu mal-imsemmi inċident għaliex, evidentement, jipprecedu l-istess**. |
| Dok. RG31 Dok. RC9(a fol. 207/273) | Din hija riċevuta maħruġa fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) minn Mr. Nicolo Orlando (Malta & Gozo Chiropractic) rigward vista u rapport datat erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) li, għal darb'oħra, mhuwiex ikkonfermat bil- |

| | |
|---|---|
| | gurament.<br><br>Mr. Orlando sab illi, "*Mr. Calleja visited this office complaining of continuous low back pain that affected his daily life... Mr. Calleja was examined and diagnosed with chronic lumbo-pelvic distortion associated with joint dysfunction, causing pain.*" Mill- *fajl* mediku pppreżentat fl-atti jirriżulta illi r-rikorrent kien ibgħati minn uġiegħ fid-dahar meta kellu l-eta' ta' għoxrin (20) sena.<br><br>Di piu`, għandu jiġi rilevat li dak li kkostataw Mr. Rayasat u Mr. Orlando huma dijametrikament opposti għal dak li kkonkludew l-esperti mediċi nominati minn din l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) u cioe, li "*ir-radjografija mehuda nhar il- wiehed u għoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) ma rrizultax illi kien hemm xi kompressjoni tal-korda spinali*".<br><br>Għalhekk, m'għandux ikun hemm dubbju li l-ispejjes reklamati għal dan it-trattament ma jirriltawx mill-inċident mertu tal-kawza odjerna. |
| Dok. RG35 (a fol. 211) | Din hija riċevuta maħruġa minn Hotel San Antonio plc nhar l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-uzu tal-*pool* mingħajr ma tressqet prova tan-necessita' tal-istess u r-rilevanza ta' din mal-inċident |

| | |
|---|---|
| | nnifsu. |
| Dok. RG36 (a fol. 211) | Din hija riċevuta għal treatment, datata hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012). Il-kopja prodotta m'hijiex legibbli u għaldaqstant ma jistax jiġi decifrat mingħand min harget, dettalji dwar it- trattament mogħti u r-rilevanza mal-inċident innifsu. |

8

ELMO-11A1208 ELM/D/012

| | |
|---|---|
| Dok. RG37 (a fol. 212) | Din hija kopja ta' pagament bil-karta tal-kreditu fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) għal hlas ta' sitt mija u tmenin ewro (€680) a favur Lotus Gym, Le Meridien, San Giljan, mingħajr ma tressqet prova tan-necessita' tal-istess u r-rilevanza ta' din mal-inċident nnifsu. |
| Dok. RG38 Dok. RG39 (a fol. 213) | Dawn huma kopji ta' pagament bil-karta tal-kreditu f'Mejju u Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) a favur l-istabbiliment "The Fitness Corner", H'Attard, mingħajr ma tressqet prova tan-necessita' tal-istess u r-rilevanza ta' dawn mal-inċident nnifsu. |
| Dok. RG40 (a fol. 214) | Din hija riċevuta flimkien ma' kopja ta' pagament bil-karta tal-kreditu fit-tnjen (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) a favur Lotus Gym, Le Meridien, San Giljan, mingħajr ma tressqet prova tan-necessita' tal- istess u r-rilevanza ta' din mal-inċident nnifsu. |

| | |
|---|---|
| Dok. RG41 Dok. RG42 Dok. RG43 Dok. RG44 Dok. RG45 Dok. RG46(a fol. 215/225) | Dawn id-dokumenti huma rilaxxjati mill-Isptar Saint James għal trattament ta' fizioterapija minn Milos Stanisalvjevic. Skond ir-rapport markat bhala Dok. RC8 (a fol 272 tal-proċess), rilaxxjat xahar wara l- inċident in diżamina u mhux guramentat, "...*Mr. Calleja is visiting my clinic due his bilateral knee painand neck pain*". Mill-provi proċesswali jirriżulta illi r-rikorrent ma kellu l-ebda debilita' ta' natura ortopedika. Di piu`, jirriżulta ukoll li, qabel ma sehh l- inċident in diżamina, huwa kellu inċident fejn korra l- istess irkoppa. Għaldaqstant ma nġiebet l-ebda prova tan-ness bejn dawn id-danni u l-mertu tal-kawza odjerna. |
| Dok. RG47(a fol. 226/227) | Dawn huma fattura/riċevuta fir-rigward ta' konsulenza ma' Mr. Massimo Abela. Hekk kif gia ingħad, ir-rikorrent fl-ebda stadju ma stqarr illi huwa kien ikkonsulta ma' Mr. Massimo Abela in segwitu għall-inċident in diżamina. Għaldaqstant ma tressqet l-ebda prova li din il-vista kienet konsegwenza diretta tal-imsemmi inċident. |
| Fol. 228 | Din hija fattura maħruġa mill-Isptat Saint James rigward trattament ta' radjologija. Ma tressqet l- ebda prova dwar il-htiega tal-imsemmi trattament u n-ness mal-inċident odjern. |
| Dok. RG48 (a fol. 229) | Din hija riċevuta datata tmintax (18) ta' Jannar tas- sena elfejn u tnax (2012), maħruġa mill-Isptar Mater Dei għal |

| | |
|---|---|
| | żewġ (2) kopji ta' CDs. Ma tressqet l-ebda |

| | |
|---|---|
| | prova dwar in-necessita' tal-istess u l-konnessjoni tagħhom mal-inċident awtomobilistiku *de quo*. |
| Dok. RG49 (a fol. 230) | Din hija riċevuta maħruġa datata wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) rilaxxjata minn Micallef Stafrace Advocates. Barra li r-rikorrent ma pprovda l-ebda dettalji rigward is-servizzi rezi, m'hemmx dubbju dawn jikkwalifika bhala spejjez ta' natura extra-gudizzjarja u għaldaqstant ma jistawx jigu reklamati mingħand l-esponent. |
| Dok.RG50<br><br>Dok. RG58Dok. RG59Dok. RG66Dok. RG67Dok. RG68Dok. RG69Dok. RG70Dok. RG71Dok. RG72Dok. RG73Dok. RG74Dok. RG75Dok. RG93Dok. | Dawn id-dokumenti huma rilaxxjati minn numru ta' spizeriji, prezumibbilment għax-xiri ta' mediċini. Izda, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova li, riżultat ta' dan l-inċident, huwa ngħata parir jiehu xi mediċini partikolari jew tal-anqas x'kienu dawn il-mediċinali u n-ness (o meno) mal-inċident odjern. |

| | |
|---|---|
| RG96Dok. RG110 Dok. RG112 Dok. RG113 Dok. RG115 Dok. RG116(a fol. 231, 237, 240, 241, 242, 250, 258, 260, 261, 263 & 264) | |
| Dok. RG51 Dok. RG52 Dok. RG53 Dok. RG57 Dok. RG61 Dok. RG62 Dok. RG63 Dok. RG64 Dok. RG65 Dok. RG76 | Dawn id-dokumenti huma rilaxxjati minn numru ta' spizeriji għax-xiri ta' mediċini li din id-darba huma deskritti. Izda, hekk kif gia ġie sottomess, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova li, riżultat ta' dan l-inċident, huwa ngħata parir jiehu xi mediċini partikolari kif ukoll in-ness (o meno) mal-inċident odjern.<br><br>Di piu`, ta' min jirrileva li, fost l-ispejjes tal-mediċini li qed jigu reklamati, wiehed isib varji vitamini, *Panadol*, *Dioralyte Citrus*, *Benylin Dry Cougħ, Pectol* |

| | |
|---|---|
| Dok. RG77Dok. RG78Dok. RG79Dok. | *Eucalyptus, L-Histasin, Ribena, Elastoplast Fabric, Rimmel l/s Drop of Cherry,* fost oħrajn li indubbjament m'għandhom l-ebda konnessjoni mal-allegati griehi |

| | |
|---|---|
| RG80Dok.<br>RG81Dok.<br>RG82Dok.<br>RG83Dok.<br>RG84Dok.<br>RG85Dok.<br>RG86Dok.<br>RG87Dok.<br>RG88Dok.<br>RG89Dok.<br>RG90Dok.<br>RG91Dok.<br>RG92Dok.<br>RG94Dok.<br>RG95Dok.<br>RG97Dok.<br>RG98Dok.<br>RG99Dok.<br>RG100 Dok.<br>RG101 Dok.<br>RG103 Dok.<br>RG104 Dok.<br>RG105 Dok.<br>RG106 Dok.<br>RG107 Dok.<br>RG108 Dok.<br>RG109 Dok.<br>RG111 Dok. | subiti f'dan l-inċident. |

| | |
|---|---|
| RG114(a fol. 231, 232, 233, 237, 238, 239, 243, 244, 245, 246, 247, 248, 249, 250, 251, 252, 253, 254, 255, 256, 257, 259 & 262) | |
| Dok. RG54 (a fol. 234) | Din hija fattura maħruġa mill-Isptar Saint James fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ġie amministrat *Sanagol Spray Forte* [illi huwa |

11

ELMO-11A1208 ELM/D/012

| | |
|---|---|
| | *spray* għall-imnieher li jgħin sabiex wieħed ikun jista' jieħu n-nifs meta jkollu mnifsejh imblukkat minhabba xi allergija jew infezzjoni respiratorja], *Zinnat* [illi huma antibjotici li jintużaw sabiex jikkombattu infezzjonijiet batteriċi] u *Dexamethasone* [li jintużaw biex jigu kkurati kundizzjonijiet bhal allerġiji u kundizzjonijiet tan-nifs]. **L-ebda minn dawn il-mediċinali, anke remotament, m'għandu rilevanza għall-inċident in diżamina**. |
| Dok. RG55 (a fol. | Din hija fattura maħruġa mill-Isptar Saint James fid-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) |

| | |
|---|---|
| 235) | fejn ġew preskritti *Tavanic tablets* [li jintużaw sabiex jitrattaw infezzjonijiet batteriċi] kif ukoll *Lantigen B drops* [li jintużaw għall-pazjenti b'infezzjonijiet respiratorji]. **Għal darb'oħra l-ebda minn dawn il-mediċinali, anke remotament, m'għandu rilevanza għall-inċident in diżamina**. |
| Dok. RG56 (a fol. 236) | Din hija fattura oħra rilaxxjata mill-Isptar Saint James fejn ġew preksritti *Muscoril capsules* [li jintużaw sabiex jirrilassaw il-muskoli] kif ukoll pilloli *Amirol* [li jintużaw għat-trattament tad-depressjoni, tensjoni u ansjeta`]. Ġie amministrat ukoll *Brufen retard* li jintuża biex jagħti solliev mill-ugigħ u jnaqqas l-infjammazzjoni tal-artrite.<br><br>Ir-rikorrent fl-ebda stadju ma stqarr illi huwa kien ġie preskritt dawn l-imsemmija mediċinali (jew oħrajn *del resto*) in segwitu għall-inċident in diżamina. Għaldaqstant ma tressqet l-ebda prova li tali spiża kienet konsegwenza diretta tal-imsemmi inċident. |

Illi barra minn hekk, jirriżulta illi l-attur daħal kemm-il darba fl-isptar Saint James f'istanzi li ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-aċċident in kwistjoni, eżempju meta daħal f'Ottubru 2012 b'tonsillitis[25] jew f'Ġunju 2014[26] għal istess ħaġa u xorta waħda elenkohom bħala danni sofferti mill-inċident in kwistjoni. L-attur preżenta

[25] Fol 384.
[26] Fol 385.

numru ta irċevuti maħruġin mill-isptar St James iżda m'hemmx speċifikat għal liema intervent jew servizz inħarġu. Hemm irċevuti oħrajn[27] illi tħallsu mis-soċjeta assikuratriċi tiegħu u xorta waħda elenkahom bħala danni sofferti minnu. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tara biċ-ċar liema minn dawn l-irċevuti għandhom x'jaqsmu mal-każ in kwistjoni. Kien fl-interess tal-attur illi jelenka b'mod korrett u onest l-ispejjeż maħruġa minnu minħabba dan l-inċident. L-attur jargumenta illi l-uġigħ f'irkopptu hija konsegwenza tal-aċċident, meta irriżulata illi ġia kellu problemi f'irkopptu qabel. L-attur naqas li jipprova n-ness tad-danni f'irkopptu mal-aċċident in kwistjoni, aktar u aktar meta eżaminat mill-esperti tal-Qorti ma rriżulta l-ebda diżabilita, kif se jidher aktar il-quddiem. Hemm dubbju serju jekk l-attur hux qed jipprova jġib danni li m'għandhomx x'jaqsmu ma dan il-każ a skapitu tal-konvenut;

Illi għaldaqstant il-Qorti mhux se tieħu konjizzjoni tal-irċevuti esibiti;

Illi l-attur jargumenta li tilef b'€7,742.11[28] f'telf ta' paga mis-sena tal-inċident sas-sena 2013 u ppreżenta d-dokumenti relattivi[29]. Il-Qorti ssib li din l-allegazzjoni għandha mis-sewwa u għalhekk sejra taċċettaha;

Ikkunsidrat:

***Multiplier***

Illi fid-data tal-inċident l-attur kellu 39 sena. Għalhekk sejjer jiġi addottatat multiplier ta' 21 sena aċċettat anke mill-konvenut[30];

Mill- provi proċesswali, senjatament l-FS3 tar-rikorrent għas-sena 2011[31], jirriżulta li kellu dhul *gross* ta' €26,627 li jekwivali għal dhul et ta' €20,142.72

[27] Fol 195 u 196.
[28] Dok BB1 a fol 281 – €1,898.19 f'2011, €4,646.16 f'2012 u €1,197.76 f'2013.
[29] Dok BB1 a Fol 281.
[30] Para 25 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut
[31] esebit bhala Dok. BB3 a fol. 283

[€26,627 - €4,644 tnaqqis tat-taxxa - €1,840.28 tnaqqis tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Socjali].

Għal dak li jikkoncerna l-ogħli tal-hajja fil-futur, il-Qorti tagħmel referenza għad-diversi sentenzi mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta[32], fejn ingħad illi: bħala **rata ta' inflazzjoni annwa qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni għal dawn l-aħħar 5 snin** skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}. Għalhekk il-bazi tal-*multiplier*, *ossia* l-*multiplicand*, li għandu jiġi applikat huwa ta' **€22,500**;

***Rata ta' diżabilita`***

Illi mil-lat ta' estetika, l-attur ġie eżaminat mill-Perit mediku Mr Joseph Briffa li huwa konsulent fil-Kirurġija Plastika u Rikostruttiva[33] fl-24 ta' Frar 2014. Illi l-attur meta ġie invistat minn Mr Briffa ilmenta minn merk fuq ġbinu illi għadu jidher. Jgħid illi s-sensazzjoni mad-dawra tal-merk hija inqas minn normal u fil-kesħa jħoss uġigħ fuq in-naħa tal-lemin ta' ġbinu. Jħoss ukoll uġigħ fuq in-naħa t'isfel ta' dahru li jinżel man-naħa ta' wara ta' saqajh it-tnejn. Jilmenta ukoll minn toqla f'għonqu u l-ispalla tax-xellug;

Illi jidher illi l-feriti fiequ sew u mingħajr ebda kumplikazzjoni. Hemm merk orizzonali twil 9.5cm li jestendi minn naħa tal-lemin tal-ġbin għal-ġewwa x-xagħar fil-parti temporali tal-lemin tal-qorriegħa tar-ras. 5cm tal-merk jidhru u 4.5cm huma moħbija bix-xagħar. Il-merk jidher li fieq u mmatura sew tant illi tidher biss linja irqiqa ta' kulur bajdani. "is-sensazzjoni meta tintmess il-parti tal-lemin tal-qorriegħa tar-ras hija inqas minn normal għal tul ta' 11.5cm il-fuq il-merk u taffetwa n-naħa tal-lemin tas-ras san-nofs. Għalkemm l-attur sostna illi

[32] fosthom dik fl-ismijiet **Andrew Pisani vs. Victor Attard** (23.05.2018),
[33] Fol 29.

kellu żewġt feriti oħra fix-xagħar illi ġew meħjuta, huwa ma setax jurih fejn kienu eżatt u Mr Briffa ma setax isib il-merk ġo xagħru. L-għadam tal-wiċċ kienu jidhru u jinħassu normali u simetriċi. Il-movimenti tal-wiċċ ukoll kienu normali u simetriċi;

Illi l-espert mediku ikkonstata illi l-merk tan-naħa tal-lemin tal-ġbin huwa permanenti u għalkemm il-ferita fieqet sew m'hemm l-ebda mod kif il-merk jitjieb permezz ta' kirurġija plastika. In-nuqqas ta' sensazzjoni hija dovuta għal trawma lin-nervaturi li jipprovdu sensazzjoni fil-ġilda li hija dovuta għal trawma lin-nervaturi li jipprovdu sensazzjoni fil-ġilda. Peress li għaddew aktar minn sentejn mill-inċident meta invistaħ Mr Briffa, ftit li xejn hemm tama illi n-nervaturi jirkupraw. L-uġigħ li jħoss fil-kesħa l-attur tissejjaħ *cold intolerance* li hija problema komuni wara ġrieħi ta' dan it-tip li hija kkawżata minn kambjamenti fin-nervaturi u ċ-ċirkolazzjoni fil-parti tal-ġisem li jkun sofra t-trawma. L-espert mediku attribwixxa rata ta' diżabilita ta' 3%;

***Weighted averaġe***

Illi kif diga` ntqal f'deċiżjonijiet oħra ta' din l-istess Qorti[34] l-liġi ma tgħid xejn dwar il-metodu ta' kif jiġu kkalkolati ġrieħi multipli u li għalhekk m'hemm l-ebda regola sagramentali fir-rigward;

"Għaldaqstant, id-diżabilita` totali trid tiġi kkunsidrata in relazzjoni għal persuna, bħala entita` fiżika waħda mingħajr ma jiġi preżunt li l-multipliċita' ta' debilitajiet jiġu komputati komplessivament sabiex toħroġ id-diżabilita` reali li wieħed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-persentaġġi jiġu magħduda flimkien, wieħed jista' jasal għall-konkluzjoni assurda li f'xi każijiet ikun hemm debilita` permanenti ta' aktar minn mija fil-mija."[35];

[34] Bettina Pisani et vs Renato sive Ronnie Mallia et.
[35] Spiridione sive Dione Zammit vs Mario Bonello, PA 30.03.2017.

Illi f'każijiet bħal dawn tagħti dak li jissejjaħ weigħted averaġe u li normalment jiġi kkalkulat billi l-persentagg tal-ogħla diżabilita` jiżdied ma' nofs dak tad-diżabilita` ibxex, u li għalhekk f'dan il-każ il-kalkolu għandu jkun 2% + nofs 0.5% + nofs 0.5%  = 2.5%;

***Lump Sum***

Illi skont kif iddeċidiet din il-Qorti kif ippreseduta f'sentenzi oħrajn tagħha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, mhix sejjer jingħata tnaqqis minħabba *lump sum payment* – iktar u u iktar billi din is-sentenza qiegħda tingħata madwar tmien snin wara d-data tal-inċident;

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

Paga medja netta ta' **€22,500**;

*Multiplier* ta' 21 sena;

Grad ta' diżabilita` permanenti ta' 2.5%;

22,500 x 21 x 2.5% = €11,812.50

Għaldaqstant:

Damnum emergens = €7,742.11
Lucrum cessans = €11,812.50
Total = €19,554.61

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-inċident tas-27 ta' Diċembru 2011 fit-Triq E.Bradford, San Pawl tat-Tarġa seħħ unikament tort tal-konvenut;

(2) tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €19,554.61;

(3) tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €19,554.61 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv;

L-ispejjeż a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA